**Qatt Mhu Tard**

**Espressjoni ta' Interess għal persuni li għandhom minn 60 sena 'l fuq biex iwettqu l-proġetti letterarji tagħhom.**

L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AAKK) hija interessata li tipprovdi appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' letteratura lill-persuni minn 60 sena 'l fuq u li bħalissa mhumiex involuti f'impjieg imħallas, biex tappoġġjahom fit-twettiq tal-ħolm letterarju tagħhom. Bħala organizzazzjoni hi impenjata biex trawwem il-kreattività, l-impenn komunitarju, u l-ġid tal-anzjani, l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tagħraf il-valur indispensabbli tal-letteratura u l-attivitajiet kulturali. Għal din is-sejħa se jkunu aċċettati biss proġetti relatati mal-letteratura. Din is-sejħa se tkun qed terġa' tiftaħ fiż-żmien li ġej biex tilqa' proġetti oħra relatati ma' forom t'arti differenti.

**L-għan ta' din l-inizjattiva:**

Il-popolazzjoni li qed tixjieħ tirrappreżenta teżor ta' għerf, esperjenza, u potenzjal kreattiv mhux sfruttat. Permezz tal- letteratura, l-anzjani jistgħu jkomplu jitgħallmu, jikbru, u jikkontribwixxu lejn is-soċjetà filwaqt li jtejbu l-kwalità ġenerali tal-ħajja tagħhom. Għalhekk, l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità hija ħerqana li tappoġġja inizjattivi li jagħtu l-opportunità lill-adulti anzjani biex jesploraw it-talenti letterarji tagħhom, jaqsmu l-istejjer tagħhom, u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' oħrajn permezz ta' diversi ġeneri letterarji.

L-inizjattiva tal-appoġġ finanzjarju tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, għandha l-għan li:

- Tagħti l-faċilita lill-individwi minn 60 sena 'l fuq biex ikunu jistgħu jwettqu l-proġetti letterarji tagħhom;
- Tippromwovi d-djalogu u l-kollaborazzjoni interġenerazzjonali billi tiffaċilita s-sħubija bejn l-adulti anzjani, żgħażagħ u membri oħrajn tal-komunità;
- Tipprovdi riżorsi u opportunitajiet għall-adulti anzjani biex juru l-proġett tagħhom kemm fil-komunitajiet tagħhom u anke lil hinn minnhom; u
- Tirrikonoxxi u tiċċelebra l-perspettivi, it-talenti, u l-kontribut tal-anzjani fix-xenarju tal-letteratura.

Individwi interessati għandhom jibagħtu l-proposti tagħhom għall-proġett letterarju li jkun konformi mal-għanijiet imsemmija hawn fuq. Il-proġetti jistgħu jinkludu **kitba u pubblikazzjoni, avvenimenti u festivals letterarji, edukazzjoni u taħriġ letterarju, riċerka u studji letterarji, proġetti ta' traduzzjoni, kampanji ta' qari u litteriżmu,**

**proġetti letterarji bbażati fuq il-komunità**, jew kwalunkwe sforz kreattiv ieħor li jagħti s-setgħa lill-anzjani jesprimu ruħhom permezz tal-letteratura u jinvolvu ruħhom mal-komunitajiet tagħhom. Il-parteċipanti magħżula jkunu mistennija li jkunu ambaxxaturi għal dan il-proġett u jaqsmu l-istejjer tagħhom permezz ta' midja differenti kif mitlub mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Id-data tal-għeluq hija nhar il-**Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025.**

**L-applikanti huma mħeġġa juru:**

- Miri u għanijiet ċari għall-proġett propost;
- Strateġiji għall-applikazzjoni tal-proġett iffinanzjat għall-benefiċċji komunitarji; u
- Rendikont tal-baġit meħtieġ biex jiġi implimentat il-proġett u kif ser jinqasmu l-ispejjeż.

**Finanzjament:**

Il-proġetti magħżula se jirċievu appoġġ finanzjarju sa elf ewro (€1,000). Din l-iskema hija limitata għall-baġit totali ta' għaxart elef ewro (€10,000) u għalhekk il-baġit totali se jinqasam fost il-proġetti kollha approvati iżda mhux aktar minn €1,000 għal kull applikant.

Wara l-approvazzjoni tal-proposta, l-applikanti se jintalbu jiffirmaw ftehim mal-AAKK. Il-proġett irid jiġi ffinalizzat fi żmien sena mill-iffirmar tal-ftehim. L-AAKK ser tħallas lill-applikant is-somma miftiehma mal-preżentazzjoni ta' rapport dwar l-eżitu tal-proġett bi prova tal-implimentazzjoni tal-proġett u l-preżentazzjoni tal-irċevuti tal-ħlas għar-rimbors tas-somma miftiehma. Dan il-ftehim huwa effettiv mid-data tal-firma.

**Biex tapplika:**

Jekk inti interessat li tapplika għall-finanzjament trid timla l-formola tal-applikazzjoni t'hawn taħt u tibgħat il-proposta tiegħek lil: aau.aacc@gov.mt jew bil-posta indirizzata lis-Sa Glorianne Grima, fl-indirizz 'Active Ageing Unit, Active Ageing and Community Care, FXB Building Level 1, 346, Triq l-Imdina, Ħal Qormi'. Tista' wkoll timla l-applikazzjoni minn din il-ħolqa:

https://forms.office.com/Pages/ResponsePage.aspx?id=9dnNNLhdvEmsugH2XMpoDY_rVqyeo8lPmHkog0LolWZUNjZSQ1FSNlRRSEJCQ01JU0daWEowVEtNQy4u

Ninsabu ħerqana li nirċievu l-proposta tiegħek. L-applikazzjoni għandha tintbagħat sal-**Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025**.

**Għal din l-espressjoni ta' interess se jiġu kkunsidrati biss proġetti ta' letteratura iżda fil-futur se jinħarġu espressjonijiet oħra ta' interess fir-rigward ta' proġetti differenti tal-arti.**

**Formola ta' Applikazzjoni**

Espressjoni ta' Interess għall-persuni li għandhom 'il fuq minn 60 sena biex iwettqu l-proġetti letterarji tagħhom.

| |
|---|
| Jekk tiddeċiedi li timla l-formola bl-idejn jekk jogħġbok kun żgur li tikteb b'mod li jinqara. |

| | |
|---|---|
| Isem u Kunjom | |
| Numru tal-Karta tal-Identità | |
| Indirizz | |
| Kodiċi postali | |
| Numru tat-telefown | |
| Numru tal-mowbajl | |
| Indirizz elettroniku | |

Isem tal-Proġett:

Iddikjara l-għanijiet u l-objettivi tal-proġett propost:

Spjega kif l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett se jkun ta' benefiċċju għall-komunità:

Agħti rendikont ta’ kif se jkun imqassam il-baġit meħtieġ biex jiġi implimentat il-proġett u l-ispejjeż involuti:

| Deskrizzjoni tal-Ispejjeż | Ammont f’ Ewros inkluz il-VAT |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| **TOTAL** | |

Firma tal-applikant/a